**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2008**
DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv

## IR-RABA' SENA RELIĠJON ĦIN: SIEGĦA

**Isem:** ______________________ **TOTAL: marka** ____ / **100**

**Klassi:** _________________

**A. Agħmel sinjal taħt it-tajba. L-ewwel waħda lesta, bħala eżempju. (10 x 1 = 10 marki)**

**1.** Aħna dħalna fil-familja ta' Alla ( **fil-Magħmudija**, meta twelidna, meta dħalna l-iskola, meta nitqarbnu ).

2. Ġesù bagħat lill-Appostli ( f'Malta, fl-Ewropa, fl-Afrika, fid-dinja kollha ) biex ixandru t-tagħlim tiegħu.

3. Id-dar tal-familja ta' Alla hi ( t-tabernaklu, l-knisja, Malta kollha, s-sagristija ).

4. ( Il-Papa, L-Isqof, Il-kappillan, Il-President ) imexxi l-familja ta' Alla fid-dinja.

5. L-ewwel Papa kien ( Ġesù, San Pietru, San Pawl, Ġwanni Pawlu II ).

6. Il-Papa preżenti jismu ( Pietru, Pawlu, Ġwanni Pawlu, Benedittu ).

7. L-Arċisqof ta' Malta jismu ( Pietru, Pawlu, Benedittu, Ġużeppi ).

8. L-Isqof ta' Għawdex jismu ( Ġużeppi, Franġisku, Ġwanni, Mario ).

9. Il-bnedmin jindunaw li aħna l-familja ta' Alla ( jekk nilbsu l-libsa tal-magħmudija, jekk inħobbu dejjem lil xulxin, jekk nilagħbu l-futbol, jekk nagħmlu l-*homework* ).

10. Il-knisja tal-Papa hi mibnija fuq il-post fejn difnu lil ( Ġesù, San Pietru, San Stiefnu, Martri ).

11. Il-familja ta' Alla f'Malta bdiet ( bil-miġja ta' San Pawl, meta ġew il-Kavallieri, wara l-gwerra, meta sirna Repubblika ).

**B. Ikteb il-kelma n-nieqsa f'dan it-talb. (5 x 2 = 10 marki)**

1. Glorja lill-Missier u lill- ______________ u lill-Ispirtu s-Santu. (Il-Glorja)

2. Sliem għalik Marija, bil- ______________ mimlija. (Is-Sliema)



3. Jitqaddes ______________ , tiġi saltnatek, ikun li trid Int. (Il-Missierna)

4. Jiena nemmen f'_____________ wieħed, il-Missier li jista' kollox. (Il-Kredu)

5. Mulejja Alla tiegħi, Inti ______________ ħafna. (L-Att ta' l-Indiema)

**Ċ. Imla l-vojt b'dawn il-kelmiet. L-ewwel waħda lesta, bħala eżempju. (10 x 1 = 10 marki)**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| skola | tqarbin | dnub | missierna | appostli | **Ħadd** |
| Kelma | qima | Ġesù | quddiesa | paċi | |

**1.** Nhar ta' **Ħadd** hu jum il-familja ta' Alla.



2. Il-Ħadd ma jkollniex _______________ u nitolbu iżjed.

3. Nhar ta' Ħadd niftakru meta _______________ qam mill-mewt.

4. Meta l-Ispirtu s-Santu niżel fuq l-_____________ deher qisu nar.

5. Nhar ta' Ħadd immorru l-knisja biex nieħdu sehem fil-________________ .

6. Fil-quddiesa nisimgħu l-___________________ ta' Alla.

7. Fil-quddiesa nirċievu lil Ġesù waqt it-______________________ .

8. Qabel nitqarbnu, is-saċerdot jistedinna nagħtu l-_____________ lil xulxin.

9. Alla jrid li nhar ta' Ħadd nagħtuh __________________ speċjali.

10. Alla hu __________________ u aħna l-familja tiegħu.

11. Min, bla raġuni, il-Ħadd ma jmurx il-knisja biex jieħu sehem fil-quddiesa jkun qiegħed jagħmel __________________ .

**(5 x 2 = 10 marki)**

**D. Qabbel kolonna A ma' kolonna B. L-ewwel waħda lesta, bħala eżempju.**

| **Kolonna A** | | **Kolonna B** | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **1.** | **Dawl jixgħel biex ifakkarna li hemm Ġesù sagramentat.** | a. | altar | b. | tabernaklu |
| 2. | Erbatax-il kwadru tal-passjoni. | ċ. | blandun | d. | fonti |
| 3. | Il-post fejn issir il-Magħmudija. | e. | salib | f. | Via Sagra |
| 4. | Xemgħa li tfisser li Kristu qam mill-mewt. | ġ. | konfessjonarju | g. | sedja |
| 5. | Post fejn tinżamm l-Ewkaristija. | **għ.** | **lampier** | ħ. | qniepen |
| 6. | Mejda tal-quddiesa. | h. | ambone | i. | statwa |

| **1.** | **2.** | **3.** | **4.** | **5.** | **6.** |
|---|---|---|---|---|---|
| **għ** | | | | | |

**E. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet dwar il-familja ta' Ġesù. (5 x 2 = 10 marki)**

1. Min kienu missier u omm Ġesù meta kien tifel bħalna?

_____________________________________________



2. X'kien jaħdem missier Ġesù?

_____________________________________________

3. Agħmel sinjal taħt dik il-kelma li tgħidilna kif kien iġib ruħu Ġesù mal-ġenituri tiegħu.

   ( Jinkihom, jissuppervja, iħobbhom, jiġġieled magħhom ) .

4. Kompli dan il-kmandament li jgħidilna kif inġibu ruħna tajjeb fil-familja.

   "Agħti ġieħ lil _____________________________________________ ."

5. Agħmel sinjal taħt il-kelma li tgħidilna x'inhi l-aktar ħaġa importanti fil-familja tagħna, bħala Nsara.

   ( Il-flus żejda, l-imħabba, dar kbira u sabiħa, il-ġugarelli ).

**F. Jien min jien? L-ewwel waħda lesta, bħala eżempju. (10 x 1 = 10 marki)**

**1.** Jien kont ma' Pietru u Ġwanni meta Ġesù deher sabiħ fuq il-muntanja. **<u>Ġakbu</u>**

2. Jien ħlist mill-għarqa u sibt ruħi f'Malta. ________________

3. Jien kont l-ewwel isqof ta' Malta. ________________

4. Jien kont l-ewwel Papa. ________________

5. Jien ir-Ragħaj it-Tajjeb. ________________

6. Jien l-ewwel martri tal-Knisja u kont inqassam il-ħobż. ________________

7. Sallbuni ma' Ġesù u ħafirli dnubieti. ________________

8. Jien naħfer id-dnubiet f'isem Ġesù. ________________

9. Jien il-gvernatur Ruman li kkundannajt lil Ġesù għall-mewt. ________________

10. Tlajt fuq siġra biex nara lil Ġesù. Raddejt kulma sraqt u tajt ħafna karità. ________________

11. Jien omm Ġesù. ________________

**(5 x 2 = 10 marki)**

**Ġ. Qabbel kolonna A ma' kolonna B. L-ewwel waħda lesta, bħala eżempju.**

| Kolonna A | | Kolonna B | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **1.** | **Fl-iskola għandna nobdu** | a. | li nieħdu pjaċir ma' sħabna. | b. | għandna nitolbuh skuża. |
| 2. | Fil-knisja għandna nġibu ruħna | ċ. | kif jixraq lid-Dar ta' Alla. | d. | x-xogħol ta' kulħadd hu importanti. |
| 3. | Meta nonqsu lil xi ħadd | e. | dak li rridu li ħaddieħor jagħmel lilna. | f. | ma' Alla u bejnietna. |
| 4. | Lil min jagħmlilna d-deni | ġ. | li nħobbuh u nobduh. | g. | waqt il-quddiesa |
| 5. | Ġesù ġie fid-dinja biex iħabbibna | għ. | għax naraw lil Alla. | ħ. | għandna naħfrulu. |
| 6. | Fil-ġenna nkunu dejjem ferħanin | **h.** | **'l-għalliema tagħna.** | i. | nobdu lill-ġenituri. |

| 1. | 2. | 3. | 4. | 5. | 6. |
|---|---|---|---|---|---|
| h | | | | | |

**(10 x 2 = 20 marka)**

**G. Aqra sewwa dawn is-sentenzi u ikteb l-isem ta' dawk it-tfal li bl-għemil tagħhom urew li tassew iħobbu lil Ġesù. L-ewwel waħda lesta, bħala eżempju.**

**1.** Lisa tmur iżżur lil Maria l-isptar. **Lisa**

2. Andrew gideb fuq Mario imma Mario ħafirlu. _______________

3. Stephanie spjegat il-*homework* lil Julia għax Julia ma qagħditx attenta. _______________

4. Chris qal kliem pastaż u Joseph talab għalih lil Ġesù biex jaħfirlu. _______________

5. Mary tat biċċa ċikkulata lil Charles li kien nesa l-ħelu d-dar. _______________

6. George waddab ġebla u kisser ħġieġa. Luana qaltlu biex jiskuża ruħu. _______________

7. Daniela qasmet it-triq lil oħtha ż-żgħira Yanika għax kienet se taqsam bl-addoċċ. _______________

8. Jurgen iġġieled ma' ħuh u Nicholas qallu li m'għamilx sew. _______________

9. Joanne serqet ġugarell u Susan qaltilha biex tagħtih lura. _______________

10. Alex ċeda postu fit-tim tal-futbol lil David li ma riedx joqgħod fit-tim l-ieħor u ssuppervja. _______________

11. Manuel stieden lil Alfred imur id-duttrina miegħu għax Alfred ma riedx imur waħdu. _______________

**GĦ. Ħares lejn l-istampa u ikteb it-tweġibiet.** **(10 marki)**



1. X'qiegħed jagħmel Ġesù fil-Ġnien taż-Żebbuġ?

   ______________________________________ (marka)

2. Lil min inkunu qed inkellmu x'ħin inkunu qegħdin nitolbu?

   ______________________________________ (marka)

3. Għal min tieħu pjaċir titlob l-aktar?

   ______________________________________________________________________ (marka)

4. Agħmel sinjal taħt il-kliem li jgħidilna kif għandna nitolbu.

   ( moħħna fi sħabna, moħħna f'Ġesù, inħarsu 'l hawn u 'l hemm, naħsbu fil-logħob ). (marka)

5. Kompli dan it-talb:

   "Ġesù bierek lil _____________________________________________________ ." (2 marki)

   "Ġesù aħfirli ta' kemm-il darba _______________________________________ ." (2 marki)

   "Ġesù nirringrazzjak talli _____________________________________________ ." (2 marki)